

21996A1030(01)

L 277/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.10.1996

FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabilixxi mill-1 ta' Jannar 1994 l-ammont addizzjonali li għandu jitnaqqas mit-taxxa jew mid-dazji doganali fuq l-importazzjoni lejn il-Komunità taż-żejt taż-żebbuġa mhux ittrattat li joriġina mill-Marokk

Ittra Nru 1

Brussel, il-21 t'Ottubru 1996

Sinjur,

L-Anness B tal-Ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk jistipula li għaż-żejt taż-żebbuġa mhux ittrattat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1509 10 10, 1509 10 90 u 1510 00 10, l-ammont li għandu jitnaqqas mill-ammont tat-taxxa skond l-Artikolu 17(1)(b) tal-Ftehim ta' kooperazzjoni għandu jżied b'ammont addizzjonali taħt l-istess kondizzjonijiet u arranġamenti kif stabbilit għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, biex jittieħed kont ta' ċerti fatturi u l-qagħda tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa.

Għandi l-unur ninfirmak li, wara li ġew ikkunsidrati l-kriterji speċifikati fl-Anness imsemmi hawn fuq, il-Komunità se tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-ammont addizzjonali applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Jannar 1995 ikun ta' 12,09 ECU għal kull 100 kilogramma u 14,60 ECU għal kull 100 kilogramma għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 1995.

Inkunlek rikonnoxxenti jekk tgħarrafni meta tirċievi din l-ittra u tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek mal-kontenut tagħha.

Sinjur, jekk jogħġbok, aċċetta l-garanzija ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

Ittra Nru 2

Brussel, il-21 t'Ottubru 1996

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċievejt l-ittra tiegħek bid-data tal-llum, li taqra hekk:

"L-Anness B tal-Ftehim ta'-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk jistipula li għaż-żejt taż-żebbuġa mhux ittrattat li jaqa' taħt il-kodiċi tal-NM 1509 10 10, 1509 10 90 u 1510 00 10, l-ammont li għandu jitnaqqas mill-ammont tat-taxxa skond l-Artikolu 17(1)(b) tal-Ftehim ta'Kooperazzjoni għandu jiżdied b'ammont addizzjonali taħt l-istess kondizzjonijiet u arranġamenti kif stabbilit fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija qabel, biex jittieħed kont ta' ċerti fatturi u l-qagħda tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa.

Għandi l-unur navżak li, wara li ġew ikkunsidrati l-kriterji speċifikati fl-Anness imsemmi qabel, il-Komunità se tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-ammont addizzjonali applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1994 sal-31 ta' Jannar 1995 ikun ta' 12,09 ECU għal kull 100 kilogramma u 14,60 ECU għal kull 100 kilogramma għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 1995.

Inkunlek rikonoxxenti jekk jogħġbok tgħarrafni meta tirċievi din l-ittra u tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek mal-kontenut tagħha."

Nista' nikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħi ma' dan li għadu kif intqal.

Sinjur, jekk jogħġbok, aċċetta l-garanzija ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvern tar-Renju tal-Marokk


